**KUNSILL LOKALI TAL-MTARFA**

---

**IL-HAMES LEGISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGHA TAL-KUNSILL**

**LAQGHA NUMRU 5 – IL-ĦAMIS 5 TA' MEJJU 2010 FIS 7:30PM**

Il Kunsill iltaqa' fl-Ufficju Amministrattiv tal-Kunsill

Prezenti

| | |
|---|---|
| Anthony Mifsud | Sindku |
| Simon Paul Fenech | Vici Sindku |
| Anatole Scerri Diacono | Kunsillier |
| Antoine Vella | Kunsillier |
| Helen Maria Bugeja | Kunsilliera |
| Michael Portelli | Segretarju Ezekuttiv |

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Il-minuti tal-laqgħa t' April inqraw u ġew approvatti mill-Kunsill.

## 2. ĦLASIJIET U PAGAMENTI

Fuq pagament 20,21,22,23 u 24 u 32 sa 33 is-Sindku semma biex darb oħra ikun hemm spjegazzjoni aktar cara ta xiex sar ix-xogħol u anki jkun hemm deskrizzjoni ta fejn intuza l-materjal. F' kaz ta dawn ic-cifri jkun hemm bżonn li jinħareġ tender.

Pagamenti 35 u 36 is-Sinku semma li fuq dawn hemm bżonn li jinħareġ tender mill-ġdid jerġa. Is-Sindku ssuġġerixxa wkoll biex jiġi ċċekkjat ix-xogħol biex naraw ikunx sar kif miftiehem

Fuq pagament 58 is-Sindku semma biex il-perit jagħti spjegazzjoni tar-rapport qabel ma jsir il-ħlas.

## 3. TENDER WEBSITE

It-tender tal-website infetaħ fil-preżenza tal-Viċi Sindku, Simon Fenech u l-Kunsillier Antoine Vella. Kien hemm b' kollox tlett tenders li huma mingħand il-Beagle Works, Abakus Solutions u Clyde Meli.

Fil-każ ta Beagle Solutions mad-dokumenti kien hemm nieqes il-Bid Bond. L-offerent li tefa l-offerta tiegħu semma wkoll li ma kienx hemm il-Bid Bond. Is-Segretarju semma li dan huwa wieħed mir-rekwiżiti sabiex jiġi ppreżentat it-tender allura f' dan il-każ dan ma kienx validu.

Tender ieħor kien dak tal-Abakus Solutions li fost id-dokumenti ppreżentati ma kienx hemm Non Collusive Tender Agreement. Is-Segretarju spjega li dan id-dokument jiġi ppreżentat biex juri li ma kienx hemm xi forma ta ftehim min qabel ma ntefgħet l-offerta. F' dan il-każ ukoll dan it-tender ma kienx validu.

It-tender li kien ippreżentat min Clyde Meli kellu d-dokumenti kollha kif suppost skont il-liġi. Is-Sur. Meli semma wkoll li kien għamel dummy website biex wieħed ikun jista jaraha. Il-Kunsill ra l-offerta tiegħu u ddeċieda li l-ewwel jara x-xogħol li qed joffri dal-persuna u jieħu d-deċiżjoni min dal-punt.

## 4. BUDGET 2010

L-Accountant tal-Kunsill is-Sur. Patrick Caruana ppreżenta kopja tal-Budget wara li dan kien ddiskutih mas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Huwa spjega ukoll kif kienu maqsumin l-ispejjeż f setturi differenti. L-allokazzjoni għal din is-sena se tkun ta € 228,787 min naħa tal-Gvern. Dħul ieħor jinvolvi interessi tal-bank u kontribuzzjonijiet.

L-ispejjeż jinqasmu bħala pagi, spejjeż relatatti max-xogħol u proġetti kapitali. Taħt dawn il-kategoriji hemm bosta kategoriji oħra. L-ammont tal-ispejjeż m għandux jaqbeż dak tad-dħul u l-budget ġie maħdum fuq l-ammont kollu tad-dħul.

L-Accountant spjega li l-ammont il-kategorija 'information services' tinkludi wkoll il-billboards li għandhom issiru għal okkażżjoni tal-Military Mtarfa. Fuq il-każ tas Social Security Contributions dawn jitilgħu peress li hemm il-paga tas-Segretarju Eżekuttiv u hemm rati fissi fuq l-ammonti tat-taxxa.

l-attivitajiet li jsiru matul is-sena bħal Military Mtarfa u l-Karnival jaqgħu taħt il-kategorija Community and Hospitality u li għalhekk hemm ammont elevat. Ammont ieħor kbir huwa dak li huwa relatatt mal-kuntratti li għandu l-Kunsill ma diversi nies li jipprovdu servizzi differenti lil Kunsill. L-Accountant semma wkoll li din is-sena dawn żdiedu peress li ħa jkun hemm xi kuntratti ġodda ta xogħol fosthom tal-website. Barra min hekk il-kuntratti eżisteneti li jridu jerġgħu johorġu wara li dawn jiskadu ġie ikalkolat ammont ogħla peress li l-prezz ivarja biċ-ċans li jogħla.

Fuq il-proġett tal-bandli peress li dan huwa proġett li stmat li jiswa ammont konsiderevoli l-Accountant avża biex dan issir f erba fażijiet u f' kull fażi l infiq ma jaqbiżx aktar min € 60,000. L-accountant fakkar ukoll fuq xi flus li kellhom jingħataw min naħa tal-Housing lil Kunsill rigward id-dawl tat-toroq.

l-Accountant spjega lil-Kunsill biex joqgħod attent rigward l-infieq peress li wieħed faċli li jiżgarra u jaqbeż l-ammont li hemm allokat għal dik il-qasam.

**Il-Kunsilliera Antoine Vella u Helen Maria Bugeja kellhom jħallu l-laqgħa minħabba mpennji oħra għal 10.30 p.m.**

## 5. TENDER LATTRINA

Is-Segretarju semma li kien tkellem mal-Avukat tal-Kunsill rigward il-kwistjoni tat-tender jekk dak ta Rita Seguna kienx validu peress li hija fid-deskrizzjoni tagħha ma semmietx ix-xogħol kollu. L-avukat semma li hija għandha l-possiblita biex tiġi kkuntatjatta u tagħti spjegazzjoni aktar dettaljata. Hija kienet ġiet ikkuntatjatta u tat spjegazzjoni.

Il-Kunsill evalwa iż-żewġ tenders u qabel li t-tender jingħata lil Vince Said għax skont il-Kunsill huwa għandu know how biex jagħmel dan ix-xogħol anki miċ-ċertifikati li hemm imsemmija fis-CV tiegħu dawn ġew ikkunsidrati li jgħinu sabiex ikun jista' jżomm iġjene tajba.

Is-Sindku semma biex is-Segretarju jispjegalu sew il-kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt b' mod speċjali l-insurance policy li dan għandu jkollu f' każ li jiġri xi ħaġa.

## 6. TENDER SKART DOMESTIKU MĦALLAT

Is-Segretarju semma li dan it-tender kien intbagħat template lest tiegħu min naħa tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

Is-Segretarju ikkonferma xi diffikultajiet u wara li kellu risposta fuqhom min naħa tal-Kunsill wiegħed li se jkun qed jippubblika dan it-tender mill-aktar fis.

## 7. MILITARY MTARFA

Is-Sindku semma li minflok żewġ billboards se jsir wieħed biss minħabba l-ispejjeż. Saru wkoll 20,000 flyers A6 li se jiġu mogħtija u mwaħħla fuq il-windscreens. Il-prezz ta dawn kien ridott għal € 480 min € 590. Sponsor għal dawn se jingħata mingħand il-Melita Trains li għandhom jintbgħatilhom invoice tagħhom. Se jsiru ukoll 250 poster daqs A3.

Is-Sindku semma li l-bieraħ kellu meeting mal-Pulizija rigward il-permess tas-Shooting Range. Huwa semma biex ix-xogħol fuqha jinbeda biss meta huma jgħidu x hemm bżonn li jsir. Is-Sibt se jkun hemm meeting ma Stephen Petroni rigward kif se jsir ir-reanactment u jiġu displayed l-affarijiet differenti.

Il-Ħadd se jkun hemm reanactment bejn il-11 ta filgħodu u s-2.30 ta wara nofsinhar. Fit-3.30 se jkun hemm repetizzjoni tar-reanactment kif kien sar nhar is-Sibt. Il-Prim Ministru se jattendi min 12.00 p.m. sas 1.15 p.m. bl idea li r-reanactment jsir parti minnu dak il-ħin biex b' hekk ikun jista jsegwih.

IS-Sindke semma li hemm bżonn li jkun hemm mal 200 barrier tal-Pulizija għas Sibt u l-Ħadd. L-arranġamenti dwar meta għandhom jinġabru u jittieħdu lura għandhom issiru mal-Pulizija. Is-Sindku semma li dawk li se jarmaw għandhom iħallsu permess ta € 50 għal dakinhar ta Military Mtarfa. Għandha issir ukoll ittra lil Kummissarju u l-Ministru tal-Finanzi biex jintalab il-permess biex il-ħwienet jiftħu dakinhar tal-Ħadd il-ġurnata kollha.

Se jkun hemm armati ukoll entitajiet mill-Mtarfa li huma l-Mtarfa Drama Group, Mtarfa Football Club u l-Kappillan. Għandha issir ittra għal dakinhar tal-Ħadd biex jiġu mistiedna l-Ambaxxaturi. Ittra oħra biex jiġu mistiedna it-tnax il-Kunsill tar-Reġjun tat-Tramuntana. Barra dawn għandhom issiru wkoll bosta stediniet oħra fosthom Headmistress, Skola Primarja, Adult Training Centre, Dar il-Kaptan, Mtarfa Home, Day Centre, Kappillan u Kunsill Pastorali, Depiro, President Rabat Ajax, Mtarfa Football Club, Drama Group, Scouts. Dawn l-imsemmija se jiġu mistiedna nhar il-Ġimgħa u l-Ħadd. Għal attivitajiet tal-Ġimgħa u l-Ħadd għandu jintbagħat invit lil Dr. Jason Azzopardi. Dawk li ġew eletti waqt l-elezzjoni ġenerali se jkunu mistiedna għal attivita tal-Ġimgħa. Għandhom issiru wkoll stediniet lil Charles Cordina (Ġimgħa u Sibt) u Fire Brigade.

Is-Sindku semma biex tiġi kkuntatjatta Marlene Gouder u Saviour Bugeja biex tiġi evalwata l-possibilta li titella eżebizzjoni tal-arti ġewwa l-Kunsill Lokali għal din l-okkażżjoni.

Se jkun hawn ukoll preżenti San Ġwann Scouts Group u Mosta Scouts Group il-Ħadd. Ir-Radio Amateurs se jkunu qegħdin maġenb l-Arloġġ jagħtu wirja. Is-Sindku semma biex nkellmu lid-Dipartiment tas-Saħħa biex jsellfuna affarijiet sabiex narmaw kif kien ikun Ward ta Sptar antik ġewwa l-Iskola Sekondarja.

Dakinhar ukoll tal-attivita se jkun hemm video miġbud li se jiswa madwar € 276.
Se jinkrew ilbiesi għal dakinhar tal-eżebizzjoni il-Ġimgħa tal-perjodu tal-Ewwel u t-Tieni Gwerra. Dakinhar tal-Ġimgħa u s-Sibt filgħaxija għandhom jintramaw il-fjakkoli. Biex ikun hawn il-kumdita se jinġiebu wkoll 4 mobile toilets biex jintramaw sett fejn l-Iskola Sekondarja u sett fejn tal-Karnival.

Il-Kunsilliet Anatole Scerri Diacono semma biex għas sena d-dieħla jkun hemm evalwazzjoni sewwa dwar jekk l-attivita tal-Military Mtarfa għandhiex terġa ssir peress li din qed tiswa ħafna spejjeż lil-Kunsill. Is-Sindku wieġeb li sakemm ikun hemm il-fondi mogħtija biex din issir il-Kunsill ma tiġix tiswih ħafna flus.

## 8. KORRISPONDENZA

### 8.1 Korrispondenza mis-Sindku

Is-Sindku semma biex issiru ittri ta ringrazzjament lil diversi nies li għenu biex issiru diversi attivitajiet, fosthom lil Mtarfa Drama Group, Rebecca Borg u Adult Training Centre. Huwa semma li dawn l ittri huma importanti għax bihom turi sens ta gratitudni.

Huwa semma ukoll li kellhom jinstabu xi kwotazzjonijiet għal nies biex ikollhom trasport biex jattendu d-Daycentre. Is-Segretarju wieġeb li fuq din huwa kien iċċekkja mal-persuna li tieħu ħsieb id-Daycentre u li din qalet li huma riedu trasport għal persun li tuża l-wheelchair u mhux kif kien hemm imsemmi fl-ittra.

Is-Sindku semma fuq ittra li kienet inkitbet mill-Iskola Sekondarja meta saqsew lil Kunsill hux possibli li jagħmel tajjeb biex jiġu msellfin xi affarijiet biex jintużaw waqt attivita li kellha issir Ta' Qali. Huwa ssuġġerixxa biex jiġu kkuntatjatti u jiġu msellfa mobile toilets.

Is-Sindku reġa qajjem il-każ tal-iskrivan tal-Kunsill. Is-Segretarju wieġeb li huwa kien tah il-kuntratt biex dan jarah u jiddeċiedi x se jagħmel. Dwar dan il-każ, il-Kunsill ippropona li jingħata time off, jew tlett kwarti mit-Tnejn sal-Ġimgħa, jew darba minhom jieħu tlett sigħat jew inkella jirrifjuta ix-xogħol mal-Kunsill. Huwa ssuġġerixxa ukoll biex is-Segretarju jiċċekkja dwar il-kuntratt mal-avukat tal-Kunsill.

Saret laqgħa mas-Sur. Baldacchino tal-ambjent li xi żmien qabel kien kellem lil Kunsill rigward iż-żbir li kien sar ġewwa l-Bosk. Huwa kien ikkritika dan iż-żbir bħala butchering. Wara il-laqgħa li kienet saret miegħu huwa ta ir-raġun il-għala iż-żbir sar b' dal mod.  Huwa wera wkoll id-dispożizzjoni li jagħti għajnuna lil Kunsill fejn ikun hemm bżonn.

Is-Sindku semma li se tiġi organiżżata ġimgħa komunitarja mill-Bank of Valletta fuq il-lokalitjiet tal-Mdina, Mtarfa, Rabat u Ħad Dingli.

Il-Kunsill Lokali ingħata palma li se tiġi mħawwla f' post fil-pjazza ġewwa t-Towncentre fejn hemm palma nieqsa.

Is-Sindku semma biex fl edizzjoni tal-Ħolqa li jmiss jiġu ppubblikati artikli li jagħtu informazzjoni fuq il-health centre li għadu kif fetaħ ġewwa t-Towncentre.

### 8.2 Korrispondenza mill-Viċi Sindku

Il-Viċi Sindku ppreżenta ittra li waslitlu mingħand residenti li joqogħdu fi Triq Prosperina fejn talbu lil Kunsill biex issir dawl fit-triq imsemmija. Din l-ittra se tiġi diskussa aktar il-quddiem.

## 9. AĠĠORNAMENTI U XOGĦOLIJIET

Il-Viċi Sindku rrapporta fuq xi xogħolijiet li saru li huma parkeġġi fi Triq Sir Philip Pullicino. Żdied ukoll parkeġġ fi Triq L-Orkideja peress li ġiet imdejqa l-bankina.

Kien hemm ukoll parti min bankina fi Triq is-Sardinell li tbaxxiet biex tkun aktar aċċessibli għal persuni b diżabilta.

Saru wkoll żebgħa ta bankijiet f' diversi postijiet ġewwa l-Mtarfa u anki litter bins li hemm madwar il-pjazza tat-Towncentre.

Ġew imwaħħlin diversi tabelli f postijiet differenti sabiex in-nies ma jarmux barra.

Kien hemm mera fi Triq l-Mtarfa li ġiet maqlugħa peress li kien qed issir xogħol ta kostruzzjoni f' din il-parti. Aktar il-quddiem din il-mera se terġa titwaħħal biex taqdi l-funzjoni tagħha.

## 10. GĦELUQ IL-LAQGĦA

Il-laqgħa ġiet fi tmiema l-Ġimgħa 6 ta' Mejju 2010 fin-nofs siegħa ta filgħodu (00.30 a.m.).

Dwar id-data tal-laqgħa li ġejja ma kienx hemm qbil fuq il-ġurnata u għalhekk din ha tkun komunikata aktar il-quddiem.

| | |
|---|---|
| **Michael Portelli** | **Anthony Mifsud** |
| **Segretarju Ezekkutiv** | **Sindku.** |